MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Numru. 981/2002

Il-Pulizija
(Sp Paul Camilleri)
vs
Charles Galea, iben Joseph,
imwieled Floriana fit-2 ta'
marzu, 1963

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, bejn it-28 ta' awissu, 2000 u is-27 ta' ottubru, 2001, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ikkometa serq ta' dawl elettriku ta' aktar minn elf lira maltin mill-ħanut 'Café Roche' sitwat ġewwa City Gate Shopping Arcade, Triq l-Ordinanza, il-Belt, Valletta għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont;

2. talli fl-istess żmien u ċirkostanzi għamel ħsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaġuna telf ta' kurrent elettriku u għamel ħsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni użati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' jannar, 2003 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma lill-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u lil-Korporazzjoni ma għandha ebda nteress fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' Lm73.54 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' esperti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------